

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 1090/2008

tal-31 ta' Ottubru 2008

**li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-haddock fl-ilmiġiet Norveġiżi ta' I u II minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Polonja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi li jistadu skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [il-Politika Komuni tas-Sajd]<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [għall-Politika Komuni tas-Sajd]<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 tas-16 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ġerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmiġiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji filmiġiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid<sup>(3)</sup>, jistabbilixxi l-kwoti għall-2008.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreggistrati fih huwa pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti wkoll iż-żamma abbord, it-trasbord u l-ħatt tiegħu l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbud minn dawk il-bastimenti.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 31 ta' Ottubru 2008.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu abbord, it-trasbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

### **Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemija fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2008 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

**Artikolu 2**

### **Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreggistrati fih huwa pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti wkoll iż-żamma abbord, it-trasbord u l-ħatt tiegħu l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbud minn dawk il-bastimenti.

**Artikolu 3**

### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Għall-Kummissjoni*

*Fokion FOTIADIS*

*Id-Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi*

<sup>(1)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

<sup>(2)</sup> ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1.

## ANNESS

Nru	51/T&Q
Stat Membru	POL
Stokk	HAD/1N2AB.
Speċi	Haddock ( <i>Melanogrammus aeglefinus</i> )
Żona	L-ilmiċiet Norveġiżi taż-żoni I u II
Data	11.9.2008